# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU : 2378

**Kaz Numru 3339/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Jonathan Azzopardi ammess ghall-ghajnuna legali (ID 512392M)**

**u**

**AAT Medical Ltd**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 8 t'April, 2015**

Fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur pprezentat mill-Avv. Simon Micallef f'isem l-Appellant, l-Avv. Adrian Camilleri ghan-nom tas-Socjeta' ntimata allega li l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal kienet *fuori termine*. L-Avv. Micallef Stafrace cahad dan.

Iz-zewg Avukati f'isem il-partijiet ittrattaw dwar jekk ir-rikors promotur kienx ipprezentat fiz-zmien stipulat skond Kap 452 jew le u dan wara li ma kienx hemm divergenzi bejniethom li t-tmiem ta' l-impjieg tal-Appellant kien sehh nhar t-22 ta' Settembru, 2014.

Ir-rikors promotur kien ipprezentat mill-Appellant nhar it-23 ta' Jannar, 2015.

L-Art.75(3) tal-Kap 452 jghid li 'kull referta….. ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni ……u ghandha fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat'.

l-Art 102 tal-Kap 12 jistipula li 'meta z-zmien legali jew gudizzjarju ghandu jghodd minn gurnata stabbilita, dik il-gurnata ma tinghaddx bhala mdahhla f'dak iz-zmien'.

Ukoll, skond il-principju ta' '*dies a quo non computator in termino, dies ad quem computator*', f'dan il-kaz ittrattat il-perjodu beda jiddekorri mill-ghada tat-22 ta' Settembru, 2014, u ghalhekk il-pejodu ta' erba' xhur ma kienux skadew meta gie pprezentat ir-rikors promotur.

Fic-cirkostanzi it-Tribunal Industrjali ma jilqax l-eccezzjoni tas-Socjeta' ntimata u jiddikjara li r-rikors promotur kien imressaq *entro termine* u ghaldaqstant jordna l-prosegwiment tal-kaz billi s-Socjeta' ntimata tibda bil-provi.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**